**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar Tlieta 29 ta' April 2025**

**Rikors nru; 99 /2025 AGV**

**LZ**

**-vs-**

**SZ**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-Rikors ta' LZ ;**

Tesponi bir-rispett:

1. Illi l-esponenti żżewġet lill-intimat nhar il-wieħed u tletin (31) ta' Mejju, Elfejn u Tlettax (2013) (kif jixhed iċ-ċertifikat taż-żwieġ anness u mmarkat bħala **DOK A**).

2. Illi l-esponenti isseparat legalment minn mal-intimat permezz ta' kuntratt ta' Separazzjoni datat is-sbatax (17) ta' Jannar, Elfejn u Ħamsa u Għoxrin (2025) in atti tan-Nutar Dottor Jean Carl Debono (*vide* Vera Kopja annessa u immarkata – **DOK B**).

3. Illi l-partijiet ilhom separati *de facto* minn Ġunju, Elfejn u Sbatax (2017) u dan hekk kif dikjarat fi klawsola numru tlieta (3) tal-att ta' separazzjoni (DOK B).

4. Illi l-kontendenti b'hekk ilhom separati ferm oltre it-terminu ta' sitt (6) xhur, rikjest mil-liġi.

5. Illi l-kontendenti għandhom tliet (3) itfal; EZ, u KZ , li llum huma adulti u AWZ li għadu minuri u li jirrisjedi mal-esponenti.

6. Illi ma teżisti ebda pendenza ta' manteniment bejn il-partijiet.

7. Illi ma hemmx lok li l-partijiet jerġgħu jirrikonċiljaw u llum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin.

8. Illi l-esponenti tixtieq tottjeni d-divorzju jew ħall taż-żwieġ, u dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Għaldaqstant, jgħid l-intimat għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti in vista tas-suespost:**

1. Tippronunzja d-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ ta’ bejn l-esponenti u l-intimat; u

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat li  l-intimat **ma ghandux** oggezzjoni ghat-talba tar-rikorrenti.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa’ t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet **iccelebrat nhar  il- 31 ta’ Mejju 2013**

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**